**28 ta' Mejju, 1990**

***Imħallfin: –***

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A. F.R. Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can.,LL.d.**
***Onor. Carmelo A.Agius B.A., LL.D.***

Francis Cutajar

*versus*

Francis Fenech

## Ħtieġa o meno li Ċitazzjoni tkun ukoll Iffirmata u Preżentata minn Prokuratur Legali jew mill-Parti

*F'materja Ċivili u Kummerċjali l-iskritturi għandhom ikunu ffirmati minn avukat u jekk ikun hemm prokuratur legali, minnu ukoll. Fl-affarijiet tal-Kummerċ l-iskritturi jistgħu jkunu ffirmati mill-partijiet. L-iskritturi jistgħu jiġu ppreżentati mill-parti stess u m'hemmx stipulata ebda kondizzjonili biex ikun jista' jsir hekk l-iskritturi jridu jkunu ġew ukoll iffirmata minnha.*

Il-Qorti: – Rat l-atti taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Preliminarjament in-nullità taċ-ċitazzjoni stante li din hi in vjolazzjoni tas-subinċiż (d) ta' l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u *Proċedura Ċivili* (Kap. *12*);

*Omissis*;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-27 ta' Lulju, 1989, li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar in-nullità allegata taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Illi bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut qiegħed jissolleva n-nullità taċ-ċitazzjoni u qiegħed jiċċita s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħtija fl-4 ta' Novembru, 1988 in re "Carmelo Galea vs. Paolo Cuschieri". Il-konvenut isostni illi ċ-ċitazzjoni la ġiet iffirmata u ppreżentata minn prokuratur legali u lanqas, alternattivament iffirmata mill-parti;

Illi dwar dan il-punt, l-abbli difensuri tal-kontendenti skambjaw noti ta' osservazzjonijiet u ttrattaw oralment. L-argumenti li ressqu ġew eżaminat akkuratament minn din il-Qorti;

Illi bħala fatt, iċ-ċitazzjoni odjerna kif ukoll id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda jinsabu ffirmati minn Dr. Pawlu Lia, difensur ta' l-attur biss. Ma hemmx il-firma ta' prokuratur legali u lanqas il-firma ta' l-attur;

Irriżulta li l-istess atti ġew ippreżentati fir-Reġistru ta' din il-Qorti mill-attur innifsu;

Il-konvenut qiegħed isostni li l-attur kellu jiffirma ukoll id-dikjarazzjoni akkompanjanti ċ-ċitazzjoni. Fil-fehma tal-konvenut,

dan in-nuqqas jimportà nullità skond is-sub inċiż (d) ta' l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax osservat ir-rikwiżit imsemmi fl-artikolu 178 (1) ta' l-istess Kodiċi;

Illi dana l-artikolu 178 (1) jgħid hekk:

''L-iskritturi għandhom ikunu ffirmati mill-avukat u mill-prokuratur legali ukoll meta jkun hemm;

Iżda, fl-affarijiet tal-kummerċ, l-iskritturi jistgħu jkunu ffirmati mill-partijiet'';

Illi l-ewwel osservazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija li fl-ipotesi li s-sottomissjoni fuq imsemmija tal-konvenut hija legalment korretta, allura l-allegata nullità tolqot l-att taċ-ċitazzjoni fih innifsu għax anke dan l-att jirriżulta li mhux iffirmat mill-attur;

Illi wara li għarblet sewwa n-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti jidhrilha illi, korrettement interpretat, l-artikolu 178 (1) ifisser illi fil-kawżi ippreżentati quddiem il-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili jew quddiem Qorti tal-Appell (Sede Ċivili), l-iskritturi ġudizzjarji għandhom ikunu ffirmati żgur minn avukat. Jekk l-atti ġudizzjarji jkunu ppreżentati fir-reġistru inizjalment minn Prokuratur Legali allura tkun essenzjali ukoll il-firma ta' Prokuratur legali fuq l-istess atti, u fl-atti l-oħra kollha li jsegwuhom la darba jkun laħaq ġie adoperat is-servizz ta' Prokuratur Legali;

Fil-kawżi ippreżentati quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerċjali) il-pożizzjoni hi differenti.

Hawnhekk il-parti stess hi mogħtija l-fakultà li tiffirma hija stess l-att ġudizzjarju u kwindi l-firma ta' l-avukat mhix essenzjalment meħtieġa. Lanqas il-firma tal-Prokuratur Legali ma hija meħtieġa f'dan il-każ;

S'intendi fil-prattika jekk ikun hemm parti assistita minn avukat dan normalment jiffirma l-atti ġudizzjarji hu u jekk dawn jiġu ppreżentati minn Prokuratur Legali, dan normalment jiffirma wkoll. Però fil-fehma konsidrata tal-Qorti, jekk il-preżentata taċ-ċitazzjoni issir mill-parti nnifisha u ma jkunx hemm prokuratur legali inizjalment inkarigat biex jippreżenta l-atti, allura jsegwi li l-firma ta' l-avukat waħdu hija biżżejjed għall-validità u l-awtentiċità ta' l-iskrittura li tkun. F'dan il-każ il-parti sempliċiment għandha **fakoltà** u ċjoè tista' tiffirma skond l-imsemmi artikolu;

Jekk ikun hemm il-firma ta' l-avukat biss, bħal ma hemm fl-atti ppreżentati mill-attur fil-kawża odjerna, fil-fehma tal-Qorti, l-atti ġudizzjarja in kwistjoni għandhom ir-rekwiżiti kollha formali dwar firem essenzjali għall-validità tagħhom;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fl-4 ta' Awissu, 1989;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut Francis Fenech ippreżentata fit-18 ta' Awissu, 1989;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi minn eżami taċ-ċitazzjoni u dikjarazzjoni jirriżulta li waqt li dawn it-tnejn ġew iffirmati minn Avukat, fil-fatt ma ġewx ippreżentati minn Prokuratur Legali. Jirriżulta wkoll li l-istess ċitazzjoni ma ġietx ippreżentata minn Prokuratur Legali, iżda ġiet hekk ippreżentata mill-attur personalment. L-appellant, għalhekk qiegħed isostni li dan jimporta nullità taħt l-artikolu 789 (d) tal-Kap. 12 billi ċ-ċitazzjoni hija,nieqsa minn partikolarità essenzjali meħtieġa mil-liġi kif hemm dispost fl-artikolu 178 (1) ta' l-istess Kap. Skond l-istess appellant, l-Artikolu 178 (1) ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-parti tista' tippreżenta l-att għad li ma jkunx ġie ffirmat minnha;

Il-kwistjoni kollha quddiem il-Qorti tirrisolvi ruħha f'waħda ta' kif għandu jiġi interpretat l-artikolu 178 (1) tal-Kap. 12. Skond l-artikolu msemmi, l-iskritturi għandhom ikunu ffirmati mill-Avukat u jekk ikun hemm, mill-prokuratur legali ukoll. Dan però jkompli jgħid li fl-affarijiet tal-Kummerċ l-iskritturi jistgħu jkunu ffirmati mill-partijiet stess. Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu għandha jinftiehem li f'meterja Ċivila u Kummerċjali l-iskrittura għandhom ikunu iffirmati minn avukat, u jekk ikun hemm prokuratur legali minnu ukoll. Fl-affarijiet tal-Kummerċ imbagħad l-iskritturi jistgħu jkunu ffirmati mill-partijiet. Issa f'dan il-każ iċ-Ċitazzjoni ġiet iffirmata mill-Avukat ta' l-attur u ma jidhirx li kien hemm prokuratur legali. Lanqas ma jidher li hu kontestat li dan seta' jsir. Il-kontestazzjoni qiegħda fuq il-fatt li għad li l-parti ma ffirmatx iċ-Ċitazzjoni, din ġiet ippreżentata minnha;

Issa skond l-Artikolu 180 (1) tal-Kodiċi ċitat, l-iskrittura jistgħu jiġu ppreżentati mill-parti stess u m'hemmx stipulata ebda kondizzjoni li biex ikun jista' jista' hekk, l-iskritturi jridu jkunu

ġew ukoll iffirmati minnha. Dan ifisser li l-Artikolu 178 (1) fuq ċitat għandu jiġi miftiehem li f'materja ċivili, waqt li l-firma ta' l-Avukat hi dejjem essenzjali, dik tal-Prokuratur Legali hi essenzjali għall-validità biss fil-każijiet fejn ikun effettivamemt ġie adoperat is-servizz tiegħu. Dan juri li l-konkors tal-prokuratur legali mhux indispensabbli għal kollox għad li fil-prattika, fil-Qrati Superjuri, kważi dejjem isir hekk. Issa la skond l-Artikolu 180 (1) tal-Kap.12 l-iskritturi jistgħu jiġu pprezentati mill-parti stess kif ġara f'dan il-każ hu evidenti li lanqas il-firma tal-prokuratur legali m'hi meħtieġa. (Ara wkoll Prim'Awla M. Bonnici noe vs. Francis Bonnici et deċiża fid-9 ta' Frar, 1977);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Francis Fenech u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-27 ta' Lulju, 1989.